# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1148/2015 MH**

**Illum, 14 ta' Jannar, 2022**

**Igino sive Gino Trapani Galea Feriol (ID 647842M), Dorothy Trapani Galea (ID 766332M), Perit Nickolas Bianchi (ID 528860M), Ann Marie Tabone Bianchi (ID 386367M) u l-istess Nicholas Bianchi f'isem l-assenti Colin Huber (Passaport Ingliż 720106049), Christopher Huber (Passaport Ingliż 210099144) u l-Professur John Huber (Passaport Ingliż 466579539), Bettina Azzopardi (ID 289372M), Michael Trapani Galea Feriol (ID 103774M), Greta Apap Bologna (ID 140077M), Paul Trapani Galea Feriol (ID 345180M), l-Avukat Dr Nicholas Trapani Galea Feriol (ID 417282M) u kif ukoll John Mary sive Jimmy Vella (ID 472452M) u martu Josephine Vella (ID 433055M) għal kull interess li jista' jkollhom u b'digriet datat 14 ta' Jannar 2022 l-istess John Mary sive Jimmy Vella (ID 472452M) u martu Josephine Vella assumew l-atti minflok l-atturi oriġinali**

**vs**

**Andre Bianchi (ID 629462M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti tal-4 ta' Diċembru 2015** permezz ta' liema ppremettew:

*Jesponi bir-rispett u l-perit Nicholas Bianchi bil-ġurament jikkonferma:*

1. *Illi r-rikorrenti kollha flimkien mal-intimat huma l-propjetarji ta' porzjoni diviża t'art, murija bil-lewn aħmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument A bil-kejl superfiċjali ta' 1626m$^2$ bil-benefikati ediliżji fuqha kostruwiti u jinkludi l-fond Jimjoe u l-fond numru 16, Triq l-Għerien il-Ħida, Mellieħa liema art tifforma parti mill-artijiet msejjħa "ta' Ħida" sive "ta' Ħita" sive " ta' Għex il-Ħida", fil-limiti tal-Mellieħa, Malta.*

2. *Illi l-propjeta' orġinarjament kienet ġiet assenjata lill-Barunessa Emilia Trapani Galea in forza ta' kuntratt ta' diviżjoni konservat min-Nutar Edoardo Calleja Schembri datat 24 ta' Jannar, 1934 liema propjeta' hija hemm indikata bħala propjeta' numru 21.*

3. *Illi l-Barunessa Emilia Trapani Galea li mietet fl-4 ta' Lulju 1943 kellha erbgħat' itfal, ċioe' Tereżin, Carmelina, Nikolin u Giuseppina. Għalhekk Tereżin, Carmelina, Nikolin u Giuseppina wirtu kwart indiviż kull wieħed u waħda minnhom.*

   *Giuseppina Trapani Galea mietet fl-10 ta' Jannar 1944 mingħajr testment. Ħutha Tereżin, Carmelina u Nikolin wirtu 1/12 indiviż kull wieħed u waħda minnhom.*

*<u>Nikolin Trapani Galea</u> miet fit-3 ta' Jannar 1963 u bis-saħħa ta' testmen fl-atti tan-Nutar Edwardo Calleja Schembri tat-dsatax ta' Ġunju 1951 il-wirt tiegħu għadda fuq is-sitt itfal tiegħu, ċioe' Emily Trapani Galea, Geraldine Trapani Galea, Dorothy Trapani Galea, Yolande sive Nathalie Trapani Galea mart Antoine Bianchi , Marlene Huber u Gino Trapani Galea Feriol. Huwa kellu* $\frac{1}{4}$ *li wiret mingħand ommu u* $\frac{1}{12}$ *li wiret mingħand Giuseppina – total ta'* $\frac{1}{3}$*. Għalhekk s-sitt itfal wirtu* $\frac{1}{18}$ *kull wieħed.*

> *<u>Geraldine Trapani Galea,</u> bint Nikolin, li wkoll kellha* $\frac{1}{18}$*, Mietet fil-5 t'April 1988 mingħajr testment. Ħutha Emily, Dorothy, Yolande sive Nathalie, Marlene u Gino wirtu* $\frac{1}{90}$ *indiviż kull wieħed u waħda minnhom.*

*Għalhekk is-sehem ta'* $\frac{1}{3}$ *ta' Nikolin eventwalment iddevolva favur il-ħames uliedu Emily, Dorothy, Yolande sive Nathalie, Marlene u Gino f'sehem ta'* $\frac{1}{15}$ *kull wieħed.*

*<u>Carmelina Trapani Galea,</u> li bħal Nikolin kellha* $\frac{1}{3}$*, mietet fit-13 t'Awwissu 1970 u bis-saħħa ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri Maempel tat-18 ta' Ġunju 1968 il-wirt tagħha għadda fuq in-neputijiet tagħha Emily Trapani Galea, Yolande sive Nathalie Trapani Galea mart Antoine Bianchi, Dorothy Trapani Galea, Marlene Haber u Gino Trapani Galea Feriol li għalhekk wirtu* $\frac{1}{15}$ *kull wieħed.*

*<u>Tereżin Trapani Galea,</u> li kellha $\frac{1}{3}$ mietet fil-31 t'Ottubru 1982 u bis-saħħa ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri Maempel tat-18 ta' Ġunju 1968 il-wirt tagħha għadda fuq il-ħames neputijiet tagħha Emily Trapani Galea, Yolande sive Nathalie Trapani Galea mart Antoine Bianchi, Dorothy Trapani Galea, Marlene Haber u Gino Trapani Galea Feriol li għalhekk wirtu $\frac{1}{15}$ kull wieħed.*

4. *B'hekk Emily Trapani Galea, Dorothy Trapani Galea, Yolande sive Nathalie Trapani Galea mart Antoine Bianchi, Marlene Huber u Gino Trapani Galea Feriol wirtu $\frac{1}{5}$ kull wieħed (3 x $\frac{1}{15}$ ).*

*<u>Emily Trapani Galea,</u> xebba, mietet fit-3 ta' Novembru 2007 u permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tal-31 t'Ottubru 2007 il-wirt tagħha ddevolva favur tmien neputijiet tagħha Nicholas Bianchi, Andre Bianchi, Annemarie Tabone Bianchi, Bettina Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta Apap Bologna, Paul Trapani Galea Feriol u Nicholas Trapani Galea Feriol li b'hekk għandhom $\frac{1}{40}$ kull wieħed.*

*<u>Yolande sive Nathalie Bianchi nee' Trapani Galea</u> mietet fl-għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (20/01/2010) u skond it-testment tagħha fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tal-għoxrin t'April tas-sena eld disa' mija u ħamsa u disgħin (20/04/1995) il-wirt tagħha ddevolva favur it-tlett' itfal tagħha, Nicholas Bianchi, Andre Bianchi u Annemarie Tabone Bianchi li b'hekk għandhom $\frac{1}{15}$ kull wieħed.*

*<u>Marlene Huber</u> iddonat sehemha ta' $\frac{1}{5}$ fil-wirt lit-tlett itfal tagħha Colin, Christopher u John permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tal-ħmistax ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (15/11/2012) li b'hekk għandhom sehem ta' $\frac{1}{15}$ kull wieħed.*

5. *Illi għalhekk fid-dawl tal-premess, l-isħma fil-propjeta' huma kif ser jingħad:*

| | | |
|---|---|---|
| *Dorothy Trapani Galea Feriol* | *1/5 =* | *24/120* |
| *Gino Trapani Galea Feriol* | *1/5 =* | *24/120* |
| *Nicholas Bianchi* | *1/5 + 1/40 =* | *11/120* |
| *Andre Bianchi* | *1/5 + 1/40 =* | *11/120* |
| *Annemarie Tabone Bianchi* | *1/5 + 1/40 =* | *11/120* |
| *Colin Huber* | *1/5 =* | *8/120* |
| *Christopher Huber* | *1/5 =* | *8/120* |
| *John Huber* | *1/5 =* | *8/120* |
| *Bettina Trapani Galea Feriol* | *1/40 =* | *3/120* |
| *Michaela Trapani Galea Feriol* | *1/40 =* | *3/120* |
| *Greta Apap Bologna* | *1/40 =* | *3/120* |
| *Paul Trapani Galea Feriol* | *1/40 =* | *3/120* |
| *Nicholas Trapani Galea Feriol* | *1/40 =* | *3/120* |

6. *Illi r-rikorrenti li flimkien għandhom sehem ta' 109/120 indiviż fiul-propjeta' jaqblu li jsir dan il-bejgħ iżda l-intimat qed jirrifjuta.*

7. *Illi l-propjeta' imsemmija ilha miżmuma fi stat ta' komunjoni għal iktar minn għaxar snin u ħadd mis-sidien ma beda azzjoni quddiem xi Tribunal jew Qorti għall-qsim tal-propjeta'.*

8. *Illi permezz ta' konvenju tal-15 ta' Mejju 2015 redatt min-Nutar Robert Micallef l-esponenti sabu l-bejgħ tal-propjeta' imsemmija versu l-prezz ta' €250,000 għas-sehem intir, kompriż is-sehem tal-intimat u dan taħt il-pattijiet u kondizzjonijiet stipulati fuq l-istess konvenju.*

9. *Illi r-rikorrenti bħala sidien tal-maġġoranza tal-isħma de quo, jridu l-bejgħ tal-propjeta' in disamina għall-prezz komplessiv ta' mitejn u ħamsin elf Ewro.*

10. *Illi l-prezz indikat fil-konvenju de quo hu wieħed reali u jirrifletti l-prezz tas-suq tal-propjeta' in kwistjoni del resto kif ikkonfermat mir-relazzjoni peritali tal-Perit Robert Musumeċi rigwardanti l-istess valur, liema prezz huwa wieħed vantaġġjuż stante le l-propjeta' hija mikrija lill-gabillott u tenut kont ukoll tal-fatturi kollha li jaffettwaw il-prezz tal-propjeta'.*

11. *Illi l-intimat mhux ser ikun gravement preġudikat jekk il-Qorti tordna l-bejgħ.*

*Għaldaqstant a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Art 495 A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna li jsir il-bejgħ tas-sehem intir tal-propjeta' fuq deskritta lill-kompraturi hemm imsemmija u dan taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet kif stipulati fl-imsemmi konvenju;*

2. *Tiffissa l-ġurnata, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, taħtar lin-Nutar Robert Micallef sabiex jippublika l-Att opportun u kif ukoll kuraturi sabiex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-intimat tat-13 ta' Mejju 2016**[1] permezz ta' liema ressaq dawn l-eċċezzjonijiet[2]:

*Jeċċepixxi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma:*

i) *Illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi biegħu sehemhom mill-istess propjeta' b'kuntratt tal-15 ta' Diċembru 2015, fl-Atti tan-Nutar Dr. Robert Micallef li kopja tiegħu qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok AB1 u għalhekk l-intimat għandu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi l-atturi m'għadx għandhom locus standi f'din il-kawża għax l-interess ġuridiku tagħhom m'għadux jissussisti.*

ii) *Illi l-intimat u l-akkwirent il-ġdid John Mary sive Jimmy u Josephine Vella żgur m'ilhomx in komunjoni għal iktar minn għaxar snin u għalhekk in konfront tal-intimat il-konjugi Vella ma jistgħux jipproċedu oltre li kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-intimat dissidenti jkun gravament preġudikat b'dak li talvolta tista' tordna u tawtorizza din il-Qorti stante illi l-valur tal-propjeta' in vendita huwa ferm ogħla minn dak konkordat mal-atturi.*

---

[1] Fol 73 et seq
[2] Fol 36 et seq

iii) *Illi bla preġudizzju għal-premess, il-propjeta' mibjugħa mill-atturi fost l-art trasferita żewġ fondi Villa JimJoe, Triq l-Għerien il-Ħida, Manikata, Mellieħa, mibnija fuq 1,417 metri kwadri u l-fond 16, Triq l-Għerien il-Ħida, Manikata, Mellieħa mibnija fuq 209 metri kwadri u dan skond ritratti tal-istess fondi mibnija hawn annessi u mmarkati bħala Dok AB2 u Dok AB3.*

iv) *Illi dawn iż-żewġ fondi immobbli m'għandhomx valur ta' €250,000 kif pretiż mill-atturi, imma valur ferm akbar minn dak minnhom konkordat kif jirriżulta 'ictu oculi' mir-ritratti hawn esebiti.*

v) *Illi barra minn hekk, l-iktar mod illoġiku John Mary Vella (KI 472452M) b'rikors ġuramentat 58/15 LM ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kontra kuraturi deputati għall-eredi assenti ta' Salvatore Vella li għadha mhux appuntata qed jitlob ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta il-bejgħ tal-fond 16 Għerien Road, San Pawl il-Baħar propjeta' tal-intimat u issa kompropjeta' mal-istess John Mary Vella.*

vi) *Illi l-valutazzjoni tal-propjeta' mhix tas-suq u l-intimat ser issofri preġudizzju serju u din il-Qorti għandha tqies kull fattur relevanti inkluż il-valur tal-propjeta' u għandha tordna li ssir stima tal-propjeta' skond id-dispożissjonijiet tal-Artikolu 306 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta liema stima għandha tirrifletti l-valur tas-suq tal-villa u tal-fond l-ieħor in kwistjoni.*

vii) *Illi mhux minnu illi l-intimat ta xi permess sabiex isir il-bini fuq l-art in kwistjoni u anke kieku dan sar, dak li ser jinbiegħ illum huwa l-bini bil-benefikati kif kostruwiti u mhux sempliċement art agrikola u għalhekk il-valur tal-benefikati li saru fuq l-istess art bħala oġġett mibni għandhom jiġu valutati kif effettivament mibnija.*

viii) *Illi dan tant huwa minnu illi jekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jħoss li l-valur hekk stabbilit huwa inqas minn dak tas-suq, huwa*

*jibgħat il-periti tiegħu sabiex jistmgħaw l-istess propjeta' kif mibnija u l-intimat ikollu jħallas it-taxxa kapitali fuq il-valur tal-oġġett mibni u mibjugħ u mhux tal-art mingħajr il-benefikati u għalhekk il-valur hemm indikat huwa ferm inqas minn dak effettivament li l-intimat għandu jirċievi għal sehemu.*

ix) *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mal-istess risposta.

Rat il-provi tal-partijiet.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku nkarigat minnha l-perit Nicholas Mallia[3] ai termini tal-inkarigu moghti lilha mill-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat illi waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2021 ġie verbalizzat hekk -

*"Il-Qorti tinforma lill-avukati tal-partijiet speċjalment ta' Dr Debono li deher għal konvenut Bianchi li xhieda miġjuba mill-konvenut fis-7 ta' Novembru 2018 hi nieqsa mill-atti u ma setgħetx tiġi rintraċċata. Tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet ukoll illi mankanti mill-atti jidher li hemm ukoll nieqsa r-rapport qua xhieda tal-Perit Nicholas Mallia.*

*Il-partijiet jaqblu li l-Qorti tista' tgħaddi għas-sentenza."*

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

[3] Folio 312

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-azzjoni tal-lum hi bażata fuq l-artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu huwa ntiż li jiffaċilita' t-trasferiment ta' proprjeta' f'ċirkustanzi meta proprjetarji ta' minoranza ta' ishma għal raġuni jew oħra ma jkunux jistgħu jew ma jridux jersqu għat-trasferiment tagħha. Il-kompitu tal-Qorti fil-proċedura in eżami huwa għalhekk li tara jekk ir-rekwiżiti proċedurali u sostantivi kif stabbiliti fl-artiklu 495A tal-Kap 16 għal min qieghed javvanza t-talba ikunux ġew sodisfatti. Il-Qorti għandha wkoll tiddetermina jekk il-bejgħ propost mir-rikorrenti jagħtix lok għal preġudizzju gravi għall-komproprjetarju/i dissident/i li ma jkunux qed jikkondividu l-bejgh *de quo* jew dawk li ma jkunux magħrufa jew li ma jistgħux jinstabu.

Ir-rikorrenti oriġinali ħlief il-konjuġi Vella flimkien kellhom sehem ta' 109/120 indiviż fil-proprjeta' bil-kejl superfiċjali ta' 1626 metri kwadri bil-benefikati edilizji fuqha kostruwiti u jinkludu l-fond Jimjoe  u l-fond numru 16, Triq l-Għerien il-Ħida, Mellieħa liema art tifforma parti mill-artijiet imsejħa "ta' Ħida" sive "ta' Ħita" sive "ta' Għex il-Ħida", fil-limiti tal-Mellieħa, Malta. Huma ntavolaw il-proċeduri odjernin sabiex jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jipproċedu bil-bejgħ ta' tali proprjeta' u dan peress li huma ma ridux jibqgħu aktar komproprjetarji in komun mal-intimat, li lilu jappartjenu l-ishma rimanenti.

**1. LIĠI**

**L-artikolu 495A tal-Kap 16** fl-epoka li ġiet intavolata l-kawża kein jgħid hekk -

*495A. (1) Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indiviżjoni forzata, meta xi ħaġa tkun inżammet in komun għal iżjed minn għaxar snin u ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehem u dwar il-bejgħ ta' xi proprjetà partikolari bejniethom, il-qorti għandha, jekk tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu.*

*(2) It-talba lill-qorti għandha ssir permezz ta' rikors li miegħu jkun hemm annessa dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ kif ukoll prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ. Fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi.*

*(3) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-komproprjetarji kollha li ma jkunux jaqblu mal-bejgħ kif ukoll lill-kuraturi li jiġu maħtura mill-qorti biex jirrappreżentaw lil min mill-komproprjetarji ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab. Ir-reġistratur għandu jara li kopja tar-rikors tiġi pubblikata fil-Gazzetta u f'ġurnal wieħed ta' kuljum.*

*(4) Dikjarazzjoni li xi komproprjetarju minnhom ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab għandha tiġi konfermata bil-ġurament minn wieħed mir-rikorrenti.*

*(5) Il-komproprjetarji l-oħra kif ukoll il-kuraturi jistgħu, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika li ssirilhom tar-rikors, jew fil-każ ta' komproprjetarju li ma jkunx ġie notifikat bir-rikors fi żmien għoxrin ġurnata mill-aħħar pubblikazzjoni msemmija fis-subartikolu (3), jopponu l-bejgħ billi jiddikjaraw x'ikun il-preġudizzju gravi li huma jew il-komproprjetarji li jkunu jirrappreżentaw jistgħu jbatu minħabba fil-bejgħ.*

*(6) Meta tiġi biex tivvaluta jekk ikunx hemm xi preġudizzju serju għal xi wieħed mill-komproprjetarji, il-qorti għandha tqis kull fattur rilevanti inkluż il-valur tal-proprjetà u l-prezz tal-bejgħ, u tista' għal dak il-għan tordna li ssir stima tal-proprjetà skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 306 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*(7) Il-qorti għandha tiddeċidi dwar ir-rikors, u jekk tiddeċidi li għandu jsir il-bejgħ, din għandha tistabbilixxi x'ikun il-prezz jew korrispettiv ieħor għal dak il-bejgħ u għandha iktar minn hekk –*

*(a) tistabbilixxi l-ħin, il-jum u l-post, meta u fejn għandu jsir it-trasferiment;*
*(b) meta l-bejgħ ikun ser isir permezz ta' att pubbliku, taħtar nutar biex jippubblika l-att;*
*(ċ) taħtar kuratur, ukoll minn fost il-komproprjetarji nfushom, sabiex jirrappreżenta lil min mill-komproprjetarji jonqos milli jidher quddiem in-nutar għall-kuntratt jew istrument ieħor ta' trasferiment.*

*(8) Il-qorti tista', billi jsirilha rikors minn xi parti li jkollha interess, tibdel il-jum, il-ħin jew il-post fejn ikun ser isir it-trasferiment.*

*(9) Jekk ikun hemm aktar minn komproprjetarju wieħed li jopponi jew f'każ li l-qorti tkun ċaħdet ir-rikors skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (7), il-qorti tista', minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, tordna l-bejgħ tal-beni b'liċitazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 521 u 522.*

## 2. PROVI TAL-PARTIJIET

Mill-atti jirriżulta li –

i. Fil-**15 ta' Mejju 2015** ir-rikorrenti oriġinali iffirmaw konvenju ma' John Mary sive Jimmy Vella u martu Josephine Vella permezz ta' liema ntrabtu li jbiegħu u jitrasferixxu lill-istess konjuġi Vella –

- Il-porzjoni diviża ta' art bil-kejl ta' 1,417 metri kwadri nkluż kwakunkwe benefikati edilizji fuqha kostruiti u li jinkludu l-fond "Jimjoe", Triq Għerien il-Ħida, Mellieħa liema proprjeta' kienet inbniet mill-kompraturi 40 sena qabel bil-permess tas-sidien ta' dak iż-żmien; u
- Il-porzjoni diviża ta' art bil-kejl ta' 209 metri kwadri inkluż kwakunkwe benefikati edilizji fuqha kostruiti u li jinkludu l-fond numru 16, Triq Għerien il-Ħida, Mellieħa liema proprjeta' kienet inbniet mill-antenati tal-kompraturi ħafna snin ilu bil-permess tas-sidien ta' dak iż-żmien u ċioe' qabel il-binja "Jimjoe", Triq Għerien il-Ħida, Mellieħa

Din il-proprjeta' kellha tinbiegħ għall-prezz ta' mitejn u ħamsin elf Ewro (€250,000) taħt il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm imfissra[4].

[4] Fol 6 et seq

ii. Fil-**15 ta' Diċembru 2015** il-partijiet tal-konvenju ffirmaw kuntratt permezz ta' liema r-rikorrenti oriġinali biegħu u trasferew din il-proprjeta' lill-konjuġi Vella versu l-prezz ta' mitejn u sebgħa u għoxrin elf u tlieta u tmenin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€227,083.33). F'dan il-kuntratt il-partijiet iddikjaraw fost oħrajn li[5] –

- Il-prezz tal-kompro-vendita nbidel stante li wieħed mis-sidien, Andre Bianchi u ċioe' l-konvenut odjern, ma biegħx is-sehem tiegħu u għalhekk il-konsiderazzjoni naqset pro rata skont is-sehem ta' Andre Bianchi li ma kienx qiegħed jiġi trasferit;
- Fil-konvenju oriġinali kien stipulat ili kien hemm ko-proprjetarju ieħor u ċioe' Andre Bianchi, il-konvenut odjern, illi kien ġie nvitat sabiex jersaq għat-trasferiment iżda huwa rrifjuta. Għalhekk il-vendituri ad esklużjoni tal-istess Andre Bianchi intavolaw il-kawża odjerna Rik 1148/15. In vista tat-trasferiment u bħala parti mill-kundizzjonijiet tat-trasferiment, il-vendituri assenjaw il-jeddijiet litiġjużi tagħhom kollha fl-imsemmija kawża u l-kumpraturi aċċettaw.

iii. Mill-provi mressqa mir-rikorrenti ġie muri l-għadd u l-valur tal-ishma ta' kull wieħed mis-sidien.

iv. Fix-xhieda tagħhom, r-rikorrenti oriġinali Gino Trapani Galea Feriol[6] u l-perit Nicholas Bianchi[7] spjegaw fost affarijiet oħra x'wassal biex ġie ffirmat il-konvenju tal-2015, kif waslu għall-prezz miftiehem u r-raġunijiet li a bażi tagħhom ir-rikorrenti iqisu essenzjali li l-bejgħ in kwistjoni jseħħ. Huma xehdu fost oħrajn li–

- Għoxrin sena qabel, Jimmy Vella kien avviċinah fejn talbu biex ibiegħulu porzjon mill-artijiet tagħhom li tmiss mad-dar tiegħu li l-familja tiegħu kienet ilha tikri bi qbiela u taħdem għal aktar minn mitt sena. Għalkemm kien hemm ir-rieda li jsir dan il-bejgħ pero' baqgħu qatt ma waslu biex jiffirmaw il-kuntratt;
- Wara xi ħames snin Gino Trapani Galea Feriol staħa minnu u ma riedx li Vella jaħseb li qed jgħaddih biż-żmien u għalhekk qallu li jista' jibni fuq l-art qisha kienet tiegħu u fil-frattemp ifittxu jagħmlu l-kuntratt. Għall-ewwel Vella rrifjuta iżda eventwalment aċċetta u hekk għamel. Qatt ma

[5] Parti IIIB -Termini u Kundizzjonijiet
[6] Fol 146 et seq
[7] Fol 162 et seq

kien hemm inkwiet bejniethom li l-kuntratt ma jsirx għax fuq bażi ta' rġulija l-intenzjoni kienet li tiġi onorata l-wegħda li jiġi ffirmat il-kuntratt;

- Meta waslu għall-iffirmar tal-kuntratt laħqu mietu tnejn mill-aħwa. Waħda minnhom kienet omm l-intimat Andre Bianchi li ħalliet sehemha fl-art lit-tlett uliedha. L-intimat odjern oġġezzjona għat-trasferiment għax deherlu li l-proprjeta' tiswa aktar minn hekk. Ir-rikorrent Trapani Galea Feriol insista li dak li kien qiegħed jiġi trasferit huwa l-art u mhux id-dar li ġiet mibnija minn Vella stess.
- Il-perit Nicholas Bianchi, ħu l-intimat, ivvaluta l-proprjeta' għal €160,000 u ħa in konsiderazzjoni diversi fatturi inkluż li parti minnha kien hemm titlu dubjuż fuqha u ċioe l-fond numru 16, triq Għerien il-Ħida. Minn dak il-valur ta' l-istima telgħu għal €250,000 fosthom għax għalkemm il-proprjeta' kien hemm il-qbiela fuqha, kien Vella stess li qiegħed igawdi minnha u allura għandu aktar benefikat u tiswa aktar lilu milli lis-sidien. Libera u franka l-proprjeta' tiswa €750,000.

v. John Mary sive Jimmy Vella xehed[8] li l-art in kwistjoni kienet ilha fil-familja tiegħu għal snin twal. Dak iż-żmien missieru kien jiġbor l-ammonti tal-qbiela mingħand il-bdiewa l-oħra sabiex jgħaddihom lill-Baruni. Meta missieru xjaħ, Vella beda jiġbor il-qbiela hu iżda talab lill-Baruni jbiegħlu l-art ta' ħdejn id-dar ta' missieru. Il-Baruni aċċetta madankollu l-kuntratt baqa' ma sarx. Wara xi ħames snin, il-Baruni kien qallu li seta' jibni fuq l-art qisha tiegħu għax l-intendiment kien li jsir il-kuntratt. Peress li dejjem kien hemm rispett reċiproku bejn il-familji Vella qagħad fuq il-kelma tiegħu, applika għall-permessi relattivi u meta dawn inħarġu bena daru fejn illum jgħix mal-familja. Eventwalment bdew jitiieħdu l-passi meħtieġa sabiex isir il-kuntratt ta' kompro-vendita. Qablu fuq il-prezz ta' €250,000. Fil-frattemp, tnejn mill-eredi tal-Baruni laħqu mietu u wieħed min-neputijiet li wiret sehmu, l-intimat Andre Bianchi, oppona għal bejgħ ta' l-art għal dak il-prezz għax fil-fehma tiegħu id-dar ta' Vella tiswa aktar minn hekk. Peress li l-affarijiet ma rrisolvewx ruħhom amikevolment ma' Bianchi kellha ssir il-kawża odjerna. Vella jsostni li dak li qiegħed jinbiegħ lilu huwa biss l-art peress li kien hu li ffinanzja l-bini tad-dar li fiha qed jgħix.

vi. Il-perit Robert Musumeci, nkarigat mill-kumpratur Jimmy Vella rrediġa rapport datat 5 t'Awissu 2015[9] fir-rigward tal-proprjeta'

[8] Fol 144 et seq
[9] Fol 16 et seq

"Jimjoe" Triq l-Għerien il-Ħida fil-Mellieħa. Huwa vvaluta l-istima tal-fond f'dik id-data bħala €235,000 u ħa in konsiderazzjoni fatturi bħal lok tas-sit, daqs u stat tal-proprjeta' u l-potenzjal ta' żvilupp mill-ġdid tagħha kif ukoll il-fatt li kien hemm ċens perpetwu ta' €40 fis-sena.

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti[10] huwa kompla jispjega li wasal għal valutazzjoni tiegħu wara li evalwa numru ta' fatturi senjatament billi ħa konjizzjoni ta' dak li hemm fuq il-post u għamel analiżi komparattiva ma'binjiet simili, tenut kont ukoll li kien hemm parti mill-bini li ma kinitx neċessarjament mibnija skont il-permess tal-awtorita' kompetenti. Huwa qal li minn 600 metru kwadru, 144 metru kwadru huwa bil-permess u nsista li dak li huwa bla permess *prima facie* m'għandux valur u dment li ma ssirx applikazzjoni sabiex il-bini jiġi sanat jista' jinċidi b'mod negattiv fuq il-valur tal-proprjeta'.

vii. Il-perit Darren Sciberras[11], nkarigat mill-kumpratur Jimmy Vella wasal għall-istima tal-proprjeta' mertu tal-kawża li tammonta għal €245,000 fis-sena 2016 u ħa diversi fatturi in konsiderazzjoni fosthom li (a) il-proprjeta' ma kinitx *freehold*, libera u franka iżda nbniet fuq proprjeta' ta' terzi bl-approvazzjoni tagħhom; (b) il-ħlas tal-qbiela li Vella kien iħallas fis-sena (circa €560); (ċ) parti mill-proprjeta' mhijiex koperta bil-permessi tal-ippjanar pero' ilha hemm minn qabel l-1967.

viii. Għad-Dipartiment tat-Taxxi Interni l-valuri dikjarati fil-konvenju kienu aċċettabbli[12].

ix. Minn naħa tiegħu l-intimat Andre Bianchi xehed[13] li huwa għandu sehem indiviż ta' 11/120 mill-proprjeta' mertu tal-proċeduri odjerni. Xehed kif Jimmy Vella ntavola proċeduri separati quddiem din il-Qorti diversament preseduta kontra kuraturi deputati ħalli jirrapreżentaw lill-eredi assenti ta' Salvatore Vella fejn qed jippretendi li l-proprjeta' in numru 16 fi Triq l-Għerien mertu tal-kawża odjerna hija tiegħu u jippretendi li kellu jixtri s-sehem ta' ko-proprjetarji oħra oħra eredi tal-assenti Salvatore Vella . Il-konvenut jisħaq li Vella qed jipprova japproprja l-proprjeta' tal-familja tiegħu. Bianchi jgħid li fil-kawża odjerna r-rikorrenti qegħdin ifittxu li jobbligawh ibiegħ żewġt

---

[10] Fol 152 et seq
[11] Xhieda a fol 179 et seq u fol 192 et seq
[12] Fol 189
[13] Fol 210 et seq u fol 215 et seq

idjar b'waħda minnhom hija villa bil-prezz ta' kwart ta' miljun Ewro meta minn stimi li ġab mingħand aġenti tal-proprjeta' din iġġib ferm aktar. Huwa rrefera għal dawn l-istimi li ngħataw fir-rigward tal-valur tal-proprjeta' mertu tal-kawża fis-suq fl-2016[14]:

- Dhalia Real Estate: €1,200,000
- Northern Properties: €800,000 - €1,000,000
- Simon Estates: €850,000
- Remax Alliance: €850,000 - €910,000

L-intimat jirrileva li meta huwa sar jaf li l-proprjeta' ser tinbiegħ bi prezz tant baxx ta' €250,000 huwa rrifjuta li jidher fuq il-konvenju li r-rikorrenti oriġinali ffirmaw mal-konjuġi Vella. Huwa jrid li sehemu mill-bejgħ ta' din il-proprjeta' jkun ġust u mhux jiġi sfurzat li jbiegħ bi prezz li mhux tas-suq u kontra l-interessi finanzjarji tiegħu. Li kieku rċieva prezz ġust huwa kien ibeigħlhom sehemu imma mhux lest jagħmel dan bi prezz daqshekk baxx li skont l-istimi li għandu lanqas jirrapreżenta kwart tal-valur tal-proprjeta'.

## 3. RAPPORT TAL-PERIT TAL-QORTI

Wara aċċess miżmum fis-27 ta' Mejju 2019 fil-proprjeta' in kwistjoni l-perit arkitett Nicholas Mallia nkarigat mill-Qorti ħa in konsiderazzjoni l-akkwati tal-proprjeta', it-tqassim tal-kmamar, il-kundizzjoni strutturali, l-kundizzjoni tal-finishes, it-tqassim tal-ġnien, għerien u d-drive.

Huwa ddeskriva l-lok bħala proprjeta' li tinsab fiż-żona ODZ limiti tal-Manikata. Ir-residenza tinsab fuq għolja u tħares fuq il-Wied tal-Arġentier. Igħid lil veduti huma nterrotti u spettakolari. Din it-tip ta' residenza f'ODS hija rari ħafna u tista' titqies bħala lokazzjoni mfittxija ħafna għal skop ta' residenza.

Il-proprjeta' u ċioe' d-*detached bungalow* fl-indirizz "Jimjoe" u t-terraced house numru 16, it-tnejn fi Triq l-Għerien il-Ħida, Mellieħa ġew meqjusa separatament u ngħataw valur separat.

i. <u>Id-detached bungalow</u>

[14] Fol 238 et seq

Din il-proprjeta' tikkonsisti fi plot ta' madwar 1400 metri kwadri li fuqha hemm mibnija l-bungalow ta' 240 metri kwadri li minnhom 150 metri kwadri huma tad-dar u 90 metri kwadri huma tal-garaxx. Il-proprjeta' fil-ħin tal-aċċess kienet f'kundizzjoni tajba ħafna.

ii. <u>It-terraced house</u>

Din il-proprjeta' hija mibnija fuq plot ta' madwar 200 metru kwadru li minnhom 105 metri kwadri huma msaqqfa. Id-dar tinsab fi stat ta' abbandun u strutturalment tinsab f'kundizzjoni ħażina ħafna.

iii. <u>Kunsiderazzjonijiet tal-Ippjanar</u>

I-detached bungalow tidher li nbniet qabel l-1978 u fil-każ li l-attur jista' jipproduċi l-permess oriġinali jew evidenza li d-dar ilha tintuża bħala tali qabel l-1992, tista' titqies bħala struttura leġittima fl-ODZ. Madankollu għandha diversi llegalitajiet fosthom tinda tal-ħadid, storage container industrijali u garaxxijiet biswit id-dar. Dawn l-illegalitajiet mhumhiex sanzjonabbli skont ir-regolament tar-*Rural Policy and Design Guideline 2014* tal-Awtorita' tal-Ippjanar għax inbnew wara l-1978 ħlief nofs minn garaxx appena msemmi li jista' jiġi sanzjonat b'applikazzjoni mal-MEPA.

It-terraced house inbniet qabel l-1978 u jekk ir-rikorrenti jipproduċu permess oriġinali jew evidenza li d-dar ilha tintuża bħala tali qabel l-1992, tista' titqies bħala struttura leġittima fl-ODZ.

Għall-finijiet tal-inkarigu mogħti lilu, l-perit arkitett ikkonsidra dawn il-proprjetajiet bħala żewġ residenzi leġittimi f'ODZ li skont ir- *Rural Policy and Design Guideline 2014* tal-Awtorita' tal-Ippjanar tista' tippermetti li dawn jitqassmu f'żewġ plots separati ta' 800 metru kwadru il-wieħed li fihom jistgħu jinbnew żewġt idjar ta' 200 metru kwadru u swimming pool f'kull proprjeta'. **Il-perit jikonsidra li dan hu l-potenzjal reali ta' dawn il-proprjetajiet flimkien.**

iv. <u>Valutazzjoni tal-proprjetajiet</u>

Wara li kkunsidra –

- l-valur konġunt tal-proprjetajiet kif imsemmi fil-paragrafu preċedenti;

- li fuq l-art hemm ċens ta' 40 Ewro fis-sena; u
- li s-sit jinsab fuq għolja u jgawdi minn veduta nterrotta tal-kampanja a u wara li ġew analizzati l-valur ta' proprjetajiet simili f'ODZ il-perit Mallia ikkonkluda li –

**Fl-2015 dawn il-proprjetajiet kellhom dan il-valur:**

- **id-detached bungalow madwar €600,000**
- **it-terraced house madwar €300,000**

**Fl-2019 dawn il-proprjetajiet għandhom dan il-valur:**

- **id-detached bungalow madwar €1,000,000**
- **it-terraced house madwar €500,000**

Saru domandi in eskussjoni mir-rikorrenti[15] li għalihom il-perit tekniku wieġeb bil-miktub[16]. Minn din l-eskussjoni rriżulta fost oħrajn li –

- Għalkemm il-perit tal-Qorti ħa konjizzjoni tal-valutazzjonijiet magħmula mill-periti ex parte nkarigati mir-rikorrenti kif ukoll tal-fatt li d-Dipartiment tat-Taxxi Nterni aċċetta l-valutazzjoni tal-proprjeta' għal €250,000, huwa ddikjara li ma jaqbilx magħhom u wera l-fehma li l-periti l-oħra ma ħadux in konsiderazzjoni l-valur ta' proprjetajiet simili u l-potenzjal ta' żvilupp li għandhom il-proprjetajiet;
- Kieku kellu jitnaqqas il-valur tat-terraced house numru 16 f'każ ta' dubju dwar l-allegat titlu tal-vendituri fuq l-istess proprjeta', dan kien ikun kwantifikabbli għal €4,000 fl-2015 u fl-2019. Madankollu l-espert tal-Qorti stqarr li l-valutazzjonijiet mogħtija minnu kienu bbażati fuq dak indikat fil-konvenju tal-15 ta' Mejju 2015 li kien jitratta żewġ proprjetajiet li ser jinbiegħu fi transazzjoni waħda;
- Il-metodoloġija użata mill-espert tal-Qorti biex wasal għal valutazzjonijiet tiegħu kienet '*il-comparative method of valuation';*
- Il-konstatazzjoni tiegħu li l-proprjeta' mertu tal-kawża tista' tinqasam f'żewġ plots separati kif imsemmi fir-relazzjoni hiha bażata fuq ir-regolamenti tar-*Rural Policy and Design Guideline 2014*;

---

[15] Fol 367 et seq
[16] Fol 389 et seq

B'reazzjoni għar-risposti tal-perit tekniku r-rikorrenti ntavolaw Nota ta' Kritika[17].

Issir referenza għall-**artikolu 681 tal-Kap 12** jipprovdi hekk –

*"Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha."*

Jiġi sottolineat li l-insenjament ġurisprudenzjali dwar il-piż probatorju ta' opinjonijiet ta' natura teknika huwa wieħed konkordi u ormai ben kristalizzat. Kif ingħad fil-każ **A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et deċiż fil-15 ta' Mejju 2014**[18] -

*"Fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta` fatt li kellhom bħala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika.*

*In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi*

[17] Fol 400 et seq
[18] Rik 988/08

*mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami (“**Grima vs Mamo et noe**” – Qorti tal-Appell – 29 ta’ Mejju 1998).*

*Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. ( ara - “**Cauchi vs Mercieca**” – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; “**Saliba vs Farrugia**” – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; “**Tabone vs Tabone et**” – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; “**Calleja noe vs Mifsud**” – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `**Attard vs Tedesco et**` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Ġunju 2007 u “**Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et**” (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Diċembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta` lilha mogħtija ta’ talba għan-nomina ta` periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli” – (“**Bugeja et vs Muscat et**” – Qorti tal-Appell – 23 ta` Ġunju 1967).”*

Fid-dawl ta’ dan kollu suespost isegwi li għalkemm Qorti mhijiex marbuta li tadotta l-konklużjonijiet ta’ rapport peritali redatt fuq inkarigu minnha mogħti, madankollu hija m’għandhiex b’mod leġġer tiskarta tali riżultanzi tenut kont li dawn ikunu magħmula minn espert imqabbad apposta mill-Qorti biex jeżamina materja teknika bħal ma hu l-każ odjern. Għalhekk sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjonijiet ta’ tali relazzjoni mhumhiex korretti u ġusti hija għandha tadotta tali konklużjonijiet.

Il-Qorti tissottolinea li l-fatt li l-konstatazzjonijiet u l-konklużjonijiet peritali tal-arkitett inkarigat minnha Nicholas Mallia wasslu għal valur ferm aktar ogħli tal-proprjetajiet mertu tal-kawża minn dik tal-periti kollha nkarigati mir-rikorrenti ma hijiex raġuni suffiċjenti biex tiddiskredita l-konklużjonijiet tiegħu.

Hija l-fehma tal-Qorti anzi li ma rriżulta xejn fil-konklużjonijiet raġġunti mill-perit inkarigat minnha fir-relazzjoni peritali tiegħu li jirriżultawlha bħala li mhumhiex leġalment korretti, ġusti u raġjonevoli jew li jmorru kontra l-konvinzjoni tagħha. Fliet bir-reqqa r-risposti tiegħu n eskussjoni, temmen bis-sħiħ lil valutazzjonijiet minnu mogħtija tenut n-natura u  potenzjal tal-propjeta’ li qed tinbiegħ, inkluz il-lokazzjoni xejn jekk mhux spettakolari u unika tagħha fi ġżira taċ-ċokkon tagħna,  li tagħmilha ħafna mfittxija u desiderabbli, lil

konlussjonijiet milħuqa huma ġusti, reali u jirriflettu s-suq kurrenti u għalhekk hija tiddeċiedi li tadotta u tagħmel tagħha tali konklużjonijiet.

## 4. EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI

**Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari** tiegħu l-intimat jissolleva n-nuqqas ta' locus standi tar-rikorrenti stante li huma biegħu sehemhom mill-istess proprjeta' lill-konjuġi Vella fil-kuntratt tal-15 ta' Diċembru 2015 u għalhekk jinsisti li għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju għax l-interess ġuridiku tar-rikorrenti m'għadux jissussisti.

**Din l-eċċezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.**

Għalkemm ir-rikorrenti biegħu is-sehem tagħhom mill-proprjeta' lill-konjuġi Vella, fl-istess kuntratt huma assenjaw id-drittijiet litiġjużi kollha tagħhom lill-istess konjuġi Vella, liema assenjazzjoni ġiet aċċettata minn Vella u kwindi daħlu fiż-żarbun tagħhom b'dana li jissustisti l-interess ġuridiku neċessarju biex il-kawża tkompli.

**L-eċċezzjoni hija għalhekk respinta.**

Għall-istess raġunijiet sejra tiġi respinta wkoll **it-tieni eċċezzjoni** permezz ta' liema l-intimat jargumenta li l-konjuġi Vella ma ilhomx in komunjoni miegħu għal aktar minn għaxar snin u għalhekk ma jistgħux jipproċedu oltre fil-konfront tiegħu.

Kif ingħad, il-konjuġi Vella daħlu fiż-żarbun tal-predeċessuri tagħhom u għalhekk il-kawża tista' tipproċedi.

**L-eċċezzjoni hija għalhekk respinta.**

## 5. MERTU

Ladarba l-azzjoni tar-rikorrenti hija bażata fuq l-artikolu 495A tal-Kap 16, il-Qorti tirreferi fl-ewwel lok għall-ġurisprudenza in materja.

Fil-każ **Carmelo sive Nenu Pantalleresco et vs Dr Anthony Cutajar et noe deċiż fis-16 ta' Lulju 2015**[19] ingħad hekk -

*"**Ikkonsidrat** li ħadd ma jista' jiġi imġiegħel jibqa' fil-komunjoni u kull wieħed mill-komproprjetarji jista' dejjem, għad li jkun hemm ftehim xort'oħra, jitlob il-qasma, kemm-il darba ma jkunx hemm dispost mod ieħor bl-aħħar volonta' tat-testatur (**art.496 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta).** Inoltre kull komproprjetarju jista' jittrasferixxi s-sehem tiegħu. (**art.495 tal-Kap.16).***

*Illi l-**Art.495A** daħal fil-Kap.16 tal-Liġijiet ta` Malta in forza tal-Att XVIII tal-2004. Id-dispożizzjoni taghti l-fakolta` lill-Qorti li tawtorizza bejgħ ta' proprjeta` in komuni meta l-bejgħ jinżamm minn xi komproprjetarji kapriċċjożament.*

*(........)*

*Il-ħsieb tal-liġi hu li tingħata proċedura relattivament sempliċi u ta' malajr biex jintemm stat ta' komunjoni ta' proprjeta` li l-liġi ma tiffavorihx.*

*Iż-żmien ..... li ssemmi d-dispożizzjoni jibda jgħaddi minn meta jkun inħoloq l-istat ta' komunjoni.*

*L-Art.495A(5) jagħti l-fakolta` lill-komproprjetarji "dissidenti" li jopponu l-bejgħ billi "jiddikjaraw xi jkun il-preġudizzju gravi li huma jew il-komproprjetarji li jkunu jirrapreżentaw jistgħu jbatu minħabba fil-bejgħ." Meta l-bejgħ isir lil terzi, il-komproprjetarji kollha – kemm dawk li jridu l-bejgħ u kemm dawk li ma jridux – għandhom komuni l-interess illi, jekk il-bejgh isir, dan ikun bl-aħjar prezz. Dan l-interess komuni jgħin biex ma jmorrux minn taħt dawk li ma jridux ibigħu għax għallinqas ikunu kisbu prezz tajjeb għas-sehem li, kontra qalbhom, ikollhom ibiegħu.*

*Għalhekk meta jkun hemm oppożizzjoni għall-bejgh, din tiġi eżaminata mill-qorti li jkollha d-dritt li tordna li ssir stima tal-proprjeta` u jekk it-talba tiġi akkordata, il-qorti għandha tistabbilixxi l-prezz għal dak il-bejgħ. Fl-aħħarnett f'każ li jkun hemm aktar minn komproprjetarju wieħed li jopponi jew f'każ li l-qorti tiċħad it-talba, dik il-qorti tkun tista' tordna l-bejgħ tal-beni b'liċitazzjoni.*

[19] Rik Gur 1084/14

*Mil-lat ta` proċedura, it-talba biex isir il-bejgħ issir permezz ta` rikors li għandu jkollu miegħu dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ kif ukoll prospett li jkun juri l-għadd u l-valur ta' l-ishma li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ. Fir-rikors għandha tkun indikata wkoll id-data meta l-propjeta' tkun saret in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi.*

*Jekk il-Qorti tiddeċiedi li għandu jsir il-bejgħ, din għandha tistabbilixxi x'ikun il-prezz jew korrispettiv ieħor għal dak il-bejgħ u għandha aktar minn hekk –*

*(a) tistabbilixxi l-ħin, il-jum u l-post meta u fejn ghandu jsir it-trasferiment.*

*(b) meta l-bejgħ ikun ser isir permezz ta' att pubbliku, taħtar nutar biex jippubblika l-att.*

*c) taħtar kuratur, ukoll minn fost il-kompropjetarji nfushom sabiex jirrappreżenta lil min mill-kompropjetarji jonqos milli jidher quddiem in-nutar ghall-kuntratt jew strument ieħor ta' trasferiment.*

*Ikkonsidrat li fil-każ odjern l-eredita' ġjaċenti ma tistax tkun meqjusa bħala komproprjetarja "dissidenti" fit-tifsira ordinarja tal-kelma. Proprjament hija rappreżentata minn kuraturi li ma jistgħux jaġixxu de proprio biex jittrasferixxu kapital appartenenti lill-eredita`, imma biss bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti wara li jsiru ċerti aċċertamenti fl-interess tal-eredita' ġjaċenti. Id-dissens, f'dan il-każ, jikkonsisti fil-limitazzjonijiet imposti mil-liġi fuq l-istess kuraturi.*

*Madanakollu l-kompitu tal-Qorti fil-proċedura istitwita taħt l-artiklu 495A hija biex tistabbilixxi jekk il-komproprjetarju/i dissidenti ma jkunux gravament preġiudikati. Inoltre, jinkombi fuq 'l hekk imsejħa dissidenti, l-oneru li juru dan il-preġiudizzju gravi.*

Kompla jingħad hekk fil-każ **Carmelo Spiteri vs Josephine Debono et deċiż fis-27 ta' Ġunju 2017**[20] **-**

*"Il-kondizzjonijiet li jistgħu jagħtu lok għal din l-azzjoni minn qari ta' dawn is-subinċiżi huma s-segwenti:*

*1. Il-komunjoni tal-ħaġa għal aktar minn għaxar snin bejn il-komproprjetarji kollha.*

[20] Rik 899/16

*2. In-nuqqas ta' pendenza ta' azzjoni għal qsim tal-propjeta in kommun.*

*3. In-nuqqas ta' ftehim dwar il-bejgħ ta' propjeta partikolari bejn il-komproprjetarji kollha.*

*4. Ir-rieda tal-maġġoranza tal-komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li jsir il-bejgħ tal-istess proprjeta'.*

*5. In-nuqqas ta' preġudizzju gravi tal-komproprjetarji li qed joġġezzjonaw jekk il-bejgħ tal-propjeta ssir bil-kondizzjonijiet u pattijiet proposti mill-maġġoranza tal-komproprjetarji.*

*Qari ta' dawn ir-rekwiżiti neċessarji biex il-Qorti tordna jew tiddeklina li tordna bejgħ juri illi din it-talba hi waħda ristretta bejn il-komproprjetarji ċioe' bejn dawk li jridu l-bejgħ (il-maġġoranza skond il-qies tal-ishma) kontra dawk li ma jridux. Hi azzjoni intiża biex ma jintilifx ċans ta' bejgħ vantaġġjuż tal-istess proprjeta' fl-interita' tagħha a skapitu ta' proprjetarju wieħed jew iżjed in komun mal-oħrajn u li ma għandhomx il-maġġornaza tal-ishma. Il-liġi ma tippostulax a priori n-neċessita' li jkun sar konvenju ta' bejgħ. Għalkemm ma teskludix li l-maġġoranza tal-koproprjetarji jkunu daħlu f'konvenju pero' tali konvenju ma jagħti ebda drittijiet lill-akkwirent prospettiv fuq l-ishma tal-minoranza riluttanti li jbiegħu jekk il-bejgh tal-ishma taghhom flimkien ma' dawk li jridu l-bejgh ma jiġix sanċit mill-Qorti a bazi ta' talba taħt dan l-artikolu. Il-Qorti trid tevalwa biss, fost kondizzjonijiet oħra, jekk bejgħ kif postulat mill-maġġoranza hux ser ikun ta' preġudizzju gravi għal minoranza.*

*Il-bażi legali wara din it-talba li tinneċessita l-inkluzjoni tal-proprjetarji kollha hi ċ-ċertezza li ordni ta' Qorti tikkreja bejn il-komproprjetarji kollha fuq proprjeta partikolari dwar il-bejgħ tagħha bil-kondizzjonijiet espliciti li taħthom din il-proprjeta' fl-intier tagħha għandha tinbiegħ, liema ordni tkun torbot lil komproprjetarji kollha.*

*Ta' min jgħid li dan l-artikolu tal-liġi jiffaċilita s-sitwazzjoni fejn hemm riluttanza jew nuqqas ta' kunsens ta' wħud mill-koproprjetarji li huma fil-minoranza billi x-xirka tal-komunjoni tigi maħlula. L-intendiment tal-liġi jiffavorixxi għalhekk it-tmiem tal-komunjoni u mhux iż-żamma basta li l-kundizzjonijiet jew elementi tal-istess artikolu tal-liġi fuq ċitat jiġu sodisfatti."*

Applikati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali għall-każ odjern, u fid-dawl tas-subartikolu 6 tal-artikolu 495A, il-Qorti tqis li meqjusin il-fatturi kollha rilevanti kif konstatati mill-espert arkitett inkarigat minnha, partikolarment il-

valur tal-proprjeta' stabbilit minnu, jirriżulta li hemm differenza sostanzjali mill-prezz tal-bejgħ pretiż mir-rikorrenti.

Ingħad hekk fil-każ **William Grech pro et noe vs Avukat Dr Charmaine Cherrett pro et noe deċiż fit-30 ta'Marzu 2021** -

*"Għalkemm din il-liġi tista' tiġi interpretata bħala bejgħ furzat għar-rigward tal-minoranza dissendenti, huwa d-dover tal-Qorti li tara u tassigura li ma jsirx abbuż u/jew sfruttament u li l-minoranza ma tbagħti ebda preġudizzju. Għalhekk, kif ingħad fis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Frar 2017 mill-Prim'Awla diversament preseduta fl-ismijiet* ***Josephine Grech pro et noe vs. George Joseph Parnis*** *(Rik Ġur 168/16 LM):*

*"l-artikolu 495A tal-Kap 16 huwa eżemplari eċċelenti ta' dan il-kompromess. Propjetà li titħalla mhux maqsuma għal iktar minn għaxar snin [Jew ghal tlett snin fil-każ ta' wirt li jigi fis-seħħ wara l-1 ta' April, 2016], li huwa diġa perjodu twil ħafna, tista' tinbiegħ mill-komproprjetarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma b'kundizzjoni waħda suprema: li l-komproprjetarji dissidenti ma jkunux gravement ppreġudikati. Għalhekk mhux biżżejjed li jigu ppreġudikati, imma jinħtieg li jkunu gravament ippreġudikati. Hawn il-leġislatur qed jagħmilha ċara li anke jekk il-kundizzjonijiet tal-bejgħ ma jkunux ottimali, jew l-aħjar li jistgħu jingiebu fis-suq, xorta waħda l-bejgħ irid isir; il-linja trid tinqata' u tinqata' malajr. Altrimenti jiġi mminat l-iskop kollu tal-precitat artikolu 495A tal-Kap 12."*

*Jgħodd ukoll dak li rreteniet il-Qorti tal-Appell Ċivili fil-kawża fl-ismijiet* ***Nutar Richard Vella Laurenti et vs John Vella Laurenti et*** *(Rik. Ġur. Nru 956/15 LM) deċiża fis-27 ta' Jannar 2017:-*

*'Meta l-liġi fl-artikolu msemmi ssemmi l-kelma preġudizzju tinftiehem li dan irid ikun gravi – b'tali mod li l-bejgħ eventwali tal-propjeta' in kwistjoni jkun biex wieħed juża terminu bl-ingliż " manuifestly unfair" għad-dissident.'*

*(.....)*

*Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet* ***Helen Zammit et vs. Madeleine Muscat*** *(Rik Ġur 327/16) kellha dan xi tgħid fir-rigward tal-Artikolu 495A tal-Kapitolu 16 :*

*"Madankollu, biex Qorti tiddeċiedi jekk tilqax jew le talba għall-bejgħ ma huwiex biżżejjed li l-parti intimata tressaq stejjem li juru differenza fil-valur tal-proprjeta' fejn id-differenza fil-valur bejn il-prezz miftiehem u l-valur fl-istima tkun relattivament żgħira. Kif ingħad, l-iskop tal-artikolu 495A mhuwiex biex jiġi assigurat bi preċiżjoni l-valur tal-proprjeta' fis-suq, imma li tara li l-bejgħ isir bi prezz xieraq li ma jġib ħsara lill-ebda proprjetarju;"*

*Ir-rikorrenti sabu bejgħ ta' dan il-fond għas-somma ta' mija u sebgħin elf ewro (€170,000). Fir-risposta tagħhom il-kuraturi deputati ma kkuntestawx dan il-valur. Kienu l-atturi li talbu lill-Qorti taħtar Perit tekniku sabiex jagħmel valutazzjoni tal-fond 355, St. David, Triq Ħaż Żabbar, Fgura. Il-Qorti laqgħet it-talba u ħatret lill-Perit Tekniku David Pace.*

*Il-Perit David Pace żamm aċċess fl-1 ta' Lulju 2020 fil-fond mertu tal-kawża. Fir-rapport tiegħu huwa iddeskriva l-proprjetà bħala maisonette fil-livell tal-ewwel sular, sovrapost għall-proprjetà ta' terzi fil-livell tal-pjan terran u li jinstab f'kantuniera bejn Triq Ħaż Żabbar u Triq San Pietru li għandu arja ta' madwar 94 metru kwadru. L-għola żvilupp permissibbli huwa ta' tlett sulari u għalhekk jista' jkun possibbli li jiżdied sular ieħor f'każ ta' żvilupp mill-ġdid tal-proprjetà. Il-Perit wasal għall-konklużjoni li "wara illi qies il-fatturi kollha rilevanti, inkluż id-daqs u lokazzjoni tal-fond, w iż-żminijiet tal-lum, l-esponent jidhirlu illi il-valur tal-fond illum, bħala liberu u frank minn kwalunkwe servitu, fuq is-suq ħieles huwa ta' €320,000."*

.....

*Id-differenza fil-prezz hija għalhekk ta' mija u ħamsin elf ewro (€150,000), differenza li hija kbira wisq sabiex din il-Qorti tkun tista' tikkunsidra l-prezz offrut mis-soċjetà attriċi DL Imports Ltd bħala ġust u xieraq. Jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi kif dedotti dan iwassal għall-preġudizzju fir-rigward ta' sehem il-konvenuti peress li skond ir-rapport peritali il-valur ta' sehem il-konvenuti huwa ta' tnax-il elf u ħames mitt ewro (€12,500) aktar minn dak indikat fil-konvenju.*

*Din il-Qorti hija tal-fehma li dan id-distakk ser jikkreja preġudizzju serju lil minoranza u għaldaqstant wieħed mir-rekwiżiti sanċiti taħt l-Artikolu 495A m'huwiex sodisfatt."*

Bl-istess mod, fil-każ odjern il-Qorti tqis li filwaqt li skont ir-rapport tal-perit espert inkarigat minnha il-valutazzjoni tal-proprjeta' fl-2015 kienet tammonta għal total ta' €900,000, fil-konvenju tal-15 ta' Mejju 2015 l-istess proprjeta' ġiet stmata għal €250,000. Kwindi filwaqt li a bażi tar-rapport tal-perit Nicholas

Mallia l-valur tas-sehem ta' 11/120 tal-intimat jissarraf fl-ammont ta' €82,500, invece a bażi tal-prezz indikat fil-konvenju msemmi l-intimat kien imissu biss €22,916. Din id-differenza ta' €59,584 fis-sehem tal-intimat hija għall-Qorti sinifikanti biżżejjed biex twassal għall-preġudizzju gravi għad-drittijiet tal-intimat li ssemmi l-liġi. Dan huwa l-kejl lil Qorti trid tieħu n konsiderazzjoni fil-kaz odjern. Huwa rrelevanti għal azzjoni n eżami lir-rikorrenti Vella bi flushom bnew fuq art ħaddieħer għax kienu imwegħda lilhom it-trasferriment ta' l-istess. Frankament dan għamluh b'riskju għalihom, konoxxenti tal-fatt li l-art *de quo* qatt ma kienet għal xi raguni mhux spjegata ġiet debitament u regolarment trasferita lilhom.

Huwa dan il-preġudizzju għad-dissendenti konvenut li jwassal lill-Qorti sabiex issib li l-bqija tad-difiża tal-istess intimat hija ġustifikata u għalhekk sejra tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:**

**1.Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti;**

**2. Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimat filwaqt li tilqa l-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu;**

**3. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mir-rikorrenti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**